**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 146/2019 RM**

**Olvin Mangion f'ismu proprju u kif ukoll kif ezercenti l-kummerc bl-isem Pool & Spa**

**-Vs-**

**Andrew Tabone**

**Illum, 22 ta' Gunju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat minn Olvin Mangion f'ismu proprju u kif ukoll kif eżerċenti l-kummerċ bl-isem 'Pool &Spa', fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-12 ta' Lulju 2019 fejn ippremetta illi prevja dikjarazzjoni illi l-kontentut tal-pubblikazzjoni tieghek, maghmula fis-sit elettroniku « *Are you being served ? (Malta & Gozo) Original* » f'Gunju 2019 jammonta ghal malafama fis-sens tal-ligi fil-konfront ta' l-attur pro et noe, in kwantu l-pubblikazzjoni saret biex itellef u tnaqqas ir-reputazzjoni ta' l-attur, thallsu dik is-somma li tigi hekk likwidata mill-Qorti a tenur tal-Kap 579 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kollha u fl-imghax kontra l-konvenut, minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-konvenut Andrew Tabone li ġietipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-21 ta' Frar 2021 fejn ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet:

1. *'' Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

2. *Illi din l-azzjoni ghandha fl-ewwel lok tintbaghat quddiem medjatur ai termini tal-Artikolu 10 tal-Kap. 579 tal-Ligijiet ta' Malta;*

3. *Illi l-azzjoni odjerna hija vessatorja u frivola stante li l-esponenti ottempra ruhu mal-ittra datata l-20 ta' Gunju 2019, u dan minghajr ebda ammissjoni da parti tieghu, izda sempliciment biex jevita proceduri kriminali;*

4. *Illi f' kull kaz il-pubblikazzjoni ndikata mill-attur mhijiex malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti izda f'kull kaz dan jammonta ghal fair comment u value judgement;*

5. *Illi kwalunkwe kumment illi ghadda l-intimat kien gust u accettabbli dwar fatti sostanzjalment veri u dan kif ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza;*

6. *Illi r-rikorrenti jrid jipprova l-allegazzjonijiet tieghu sal-grad rikjest mil-ligi.*

   *Salv eccezzjonijiet ohra.''*

Rat illi l-partijiet ġew ordnati permezz ta' digriet mogħti fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2020 sabiex jgħaddu minn proċess ta' medjazzjoni għall-fini tal-Artikolu 10 tal-Kap. 579 ;

Rat illi minkejja diversi tentattivi li saru miċ-Ċentru Malti għall-Medjazzjoni, il-konvenut baqa' ma għamilx kuntatt maċ-Ċentru u lanqas inkariga avukat biex

jikkomunika għan-nom tiegħu mal-avukat tal-attur, biex jinħatar medjatur bi qbil bejn il-partijiet ;

Rat illi effettivament, minħabba n-nuqqas assolut ta' kuntatt min-naħa tal-konvenut, il-proċess ta' medjazzjoni baqa' ma skattax u ma setax jitwettaq kif ordnat, l-ordni mogħtija fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2020 ġiet revokata filwaqt li ġie ordnat li l-kawża tiġi trattata u deċiża minnha ;

Semgħet ix-xhieda tal-attur Olvin Mangion fis-seduta tat-2 ta' Ġunju 2021 u d-dokumenti kollha minnu preżentati ;

Rat il-provi kollha ;

Rat illi l-konvenut minkejja li ngħata żewġ opportunitajiet biex iressaq il-provi tiegħu baqa' qatt ma deher quddiemha u lanqas ressaq l-ebda prova ;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-abbli difensur tal-attur fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2022;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat ;

Din hija azzjoni ta' libell istitwita taht id-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama ["l-Att"][1].

L-istqarrijiet impunjati f'din l-azzjoni jinsabu f'post ippubblikat mill-konvenut fuq il-profil fuq Facebook imsejjaħ « *Are you being served ? (Malta & Gozo) original*" f'Ġunju 2019. F'dan il-post il-konvenut qal hekk:-

[1] Att XI tal-2018 - Kapitolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta.

“Absolutely shocked by **Pool & Spa Malta** and **Olvin Mangion.** Everybody should be aware of this thief and his company ! My grandparents contracted him last year to do some pool works and change the pump. The pool works were done, however he did not change the pump which he charged 575 euro as per quotation. The pump stopped working approx a month ago. After calling 10 times and waiting for 2 weeks for a technician to come they are claiming that the pump in the attached pictures is a new pump !!! (as works were done last June, they are claiming it is 11 months old). I advised that this was definitely not the case and if it was, this should still be under guarantee. This criminal had the cheek to state that the guarantee does not apply because the pump was left outside in the bushes !! This is not the case and the pump was in the pump room as per attached pics. Please note that **Olvin Mangion** never came personally to view where the pump was. This person/company are the lowest of the low. Taking advantage of elderly persons and stealing money. I will reporting them to consumer affairs, however it’s best for all of you to know to stay away from these criminals.”

L-attur Olvin Mangion xehed illi huwa direttur ta’ kumpannija li topera negozju ta’ *swimming pools* u ilha f’dan il-qasam għal iktar minn erbħgin sena. Spjega illi l-kumpannija tiegħu ġiet inkarigata min-nannu tal-konvenut biex tibdel il-pompa tal-pixxina komuni ta’ blokk appartamenti, liema pompa kienet fi stat malandata ħafna. Il-pompa inbidlet u s-sistema reġgħet bdiet tiffunzjona u xi sena wara, il-konvenut ċempel fl-uffiċċju u qal li l-pompa waqfet u ma baqgħetx tiffunzjona. L-attur qal li huwa bagħat l-impjegati tiegħu biex jivverifikaw x’kien ġara u qalulu “*li xxortjatjha l-pompa*”. L-attur fisser li l-pompa kienet istallata f’kamra li kien fiha ftit umdita’ u seta’ kien hemm ukoll xi varjazzjoni fil-kurrent tad-dawl li wasslet biex jiġrilha l-ħsara: huwa eskluda li l-pompa kienet difettuża. Meta l-konvenut beda jallega li ġiet istallata pompa *second hand*, l-attur għamel verifiki min-naħa tiegħu mal-manufatturier tal-pompa abbażi tas-*serial number* u ġie eskluż li l-pompa kellha iktar minn seba’ snin.

In segwitu l-konvenut ippubblika *post* fuq profil fuq Facebook imsejjaħ "**Are you being served? (Malta & Gozo) original**", fejn diversi persuni wieġbu għal dan il-*post* permezz ta' kummenti ppubblikati fuq l-istess profil.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi fix-xhieda tiegħu l-attur ma identifikax il-kliem partikolari li għall-fini ta' din l-azzjoni qed jiġi allegat li huwa diffamatorju fil-konfront tiegħu, iżda minn eżami tal-ittra legali li ntbagħtet fuq struzzjonijiet tiegħu lill-konvenut l-għada tal-pubblikazzjoni impunjata, fl-20 ta' Ġunju 2019, jirriżulta li l-attur qiegħed jimpunja b'mod ewlieni s-segwenti stqarrijiet indirizzati lilu:- "*this thief", this criminal had the cheek*", "*this person/company are the lowest of the low*", "*taking advantage of elderly persons*", "*stealing money*", u "*it is best for you all to stay away from these criminals*".

Fir-Risposta tiegħu, il-konvenut allega li huwa neħħa l-pubblikazzjoni impunjata wara li ġie interpellat jagħmel dan permezz tal-imsemmija ittra legali tal-20 ta' Lulju 2019, iżda ma tressqu l-ebda provi dwar dan, lanqas mill-attur li fix-xhieda tiegħu ma qalx jekk il-pubblikazzjoni tneħħietx jew le. Minflok, l-attur għamel referenza għal messaġġ li ntbagħat lilu mill-konvenut fit-13 ta' Frar 2020, ftit ġranet biss qabel ġiet ippreżentata fl-atti proċesswali ir-Risposta tal-istess konvenut[2], fejn il-konvenut infexx f'tgħajjir u theddid li fil-fehma tal-Qorti ftit huwa kompatibbli mat-tneħħija tal-pubblikazzjoni u ma' xi animu li "*jevita proċeduri kontenzjużi*"[3]. Il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi kien jinkombi fuq il-konvenut li jressaq prova dwar dak li allega fir-Risposta tiegħu, ċioe' li l-pubblikazzjoni effettivament ġiet imneħħija mill-profil fuq Facebook "*Are you being served? (Malta & Gozo) original*".

Il-Qorti hawnhekk tqis li għandha tissenjala wkoll li minkejja li l-konvenut fir-Risposta tiegħu kif ukoll permezz tal-avukat tiegħu waqt is-seduta tas-26 ta' Frar 2020, wera li hu dispost jgħaddi minn proċess ta' medjazzjoni għar-riżoluzzjoni bonarja tal-vertenza – u fuq din it-turija ta' rieda tajba l-Qorti effettivament irreferiet

[2] Risposta tal-21 ta' Frar 2020, fol. 16.

[3] Tielet paragrafu tar-Risposta tal-konvenut, fol. 16.

lill-partijiet għal medjazzjoni[4] - jirriżulta li l-konvenut ma għamel xejn ħlief ħela l-ħin ta' kulħadd inkluż tal-Qorti. Dan wara li, nonostante li ġie mitlub ripetutament, il-konvenut baqa' ma għamel l-ebda kuntatt maċ-Ċentru ta' Malta għall-Medjazzjoni għall-fini li jinħatar medjatur biex jiskatta l-proċess ta' medjazzjoni. Effettivament, huwa ħela xejn inqas minn sena anke wara l-Qorti, ġaladarba kien hu stess li wera ruħu dispost li jittransigi l-vertenza, tatu opportunita' oħra biex jipparteċipa fil-medjazzjoni. Dan kollu sejjer jittieħed in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni tal-*quantum* tad-danni għall-fini tal-Artikolu 11 tal-Att u dan in vista tal-fatt li l-konvenut żvija lill-attur kif ukoll lill-Qorti u evidentement, is-suġġeriment tiegħu li l-partijiet jidhru quddiem medjatur ma saritx in buona fede.

Fil-pubblikazzjoni impunjata, il-konvenut spjega illi n-nanniet tiegħu kienu inkarigaw lill-attur biex jagħmel xogħolijiet fl-i*swimming pool* tagħhom u jibdel il-pompa. Jikkontendi illi minkejja l-attur talab u tħallas is-somma ta' €575 għall-istallazzjoni ta' pompa ġdida, irriżulta li l-pompa ma nbidlitx u waqfet taħdem wara ħdax-il xahar. Il-konvenut evidentement ħassu aggravat bil-fatt illi l-addetti tal-attur li marru fuq il-post biex isewwu l-pompa, kienu qegħdin jinsistu illi l-pompa kienet ġdida iżda ma kienetx koperta bil-garanzija għaliex tħalliet barra esposta għall-elementi. Il-konvenut jikkontesta dan u saħaq li l-pompa kienet istallata ġewwa kamra apposta u l-fatti juru li l-attur qarraq bin-nanniet tiegħu meta ma kienx biddel il-pompa l-antika. Fil-*posts* li ttellgħu sussegwentement mill-konvenut b'risposta għall-kummenti ta' terzi persuni, huwa fisser li l-pompa kienet issaddet u kienet fi stat dilapidata u ma jistax ikun li kien ġie istallat pompa ġdida.

Il-Qorti tibda biex tosserva li mhux kompitu tagħha li tistabbilixxi jekk il-pompa li istalla l-attur kienetx ġdida jew antika jew jekk huwa kienx effettivament biddel il-pompa oriġinali jew x'kien effettivament l-inkarigu lilu moghti f'dan il-każ. Hija msejħa biss biex tistabblixxi jekk l-istqarrijiet li qed jiġu impunjati mill-attur humiex, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, diffamatorji fil-konfront tiegħu a tenur tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama.

[4] Digriet mogħti fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2020.

Jibda biex jingħad illi l-attur huwa kjarament identifikat fil-pubblikazzjoni impunjata, stante illi huwa ssemma mhux biss b'ismu iżda wkoll b'referenza għan-negozju ġestit minnu u l-ġenru ta' dan in-negozju, bl-isem 'Pool & Spa Malta'. Iżda hawnhekk ghandu jiġi osservat illi għalkemm l-attur fix-xhieda tiegħu qal li huwa d-direttur ta' kumpannija li taħdem fil-qasam ta' *swimming pools*, ma jirriżultax mill-provi x'jisimha din il-kumpannija: kemm hu hekk, l-azzjoni odjerna ma ġietx istitwita minn xi korp b'personalita' ġuridika iżda biss mill-attur *de proprio* u bħala persuna li jeżerċita negozju bl-isem Pool & Spa. Għalhekk, għad-determinazzjoni jekk il-kriterji stabbiliti mill-Artikolu 3(4) tal-Att humiex sodisfatti f'dan il-każ, il-Qorti filwaqt li m'hijiex sejra tapplika d-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-Artikolu 3(4) tal-Att in kwantu l-azzjoni ma ġietx istitwita mill-attur għan-nom jew in rappreżentanza ta' korp li jopera għal profitt, sejra tqis lir-reputazzjoni tal-attur b'mod wiesa' bħala li tinkludi wkoll ir-reputazzjoni kummerċjali tiegħu fin-negozju bl-isem Pool & Spa.

Wara kollox, għall-finijiet tal-ligi tal-malafama, il-kelma "reputazzjoni" ghandha tinftiehem f'sens wiesa' li jikkomprendi kull aspett tal-pożizzjoni li l-persuna tokkupa fis-socjeta`:-

*"In ordinary English usage, reputation is 'the general opinion or estimate of a person's character'. ... Reputation is to be interpreted in a broad sense as comprehending all aspects of a person's standing in the community. ... Any imputation which reflects adversely upon a person's character, that is, which expresses or implies some blame to or moral disparagement of, the person – will tend to lower the person in the estimation of reasonable people."*[5]

Kif qal Lord Nicholls of Birkinhead fil-kawza **Reynolds v. Times Newspaper Limited and Others**, deciza mill-House of Lords fit-28 ta' Ottubru, 1999:

---

[5] Collins, *supra*, 6.20 u 6.21. Ara wkoll **Berkoff v. Burchill** – per Neil LJ [1997] EMLR 139 (CA)

"*Reputation is an integral and important part of the dignity of the individual. It also forms the basis of many decisions in a democratic society which are fundamental to its well-being: whom to employ or work for, whom to promote, whom to do business with or to vote for. Once bismirched by an unfounded allegation in a national newspaper, a reputation can be damaged forever, especially if there is no opportunity to vindicate one's reputation. When this happens, society as well as the individual is the loser. For it should not be supposed that protection of reputation is a matter of importance only to the affected individual and his family. Protection of reputation is conducive to the public good.*"[6]

L-Artikolu 3(4) tal-Att jistipola illi **stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba**. Fil-każ in diżamina, il-Qorti tikkunsidra illi jekk l-istqarrija impunjata tinftiehem li tagħmel imputazzjoni li twassal biex persuni ta' intelliġenza ordinarja jifhmu li l-persuna aggravata tikkonduċi n-negozju tagħha b'mod diżonest, inkompetenti jew irregolari, dan ikun biżżejjed biex jiġi sodisfatt il-kriterju ta' ħsara sejra mingħajr il-ħtieġa li tinġieb prova attwali tal-ħsara[7]. Wara kollox, il-liġi tqis bħala suffiċjenti l-kriterju tal-**potenzjal** ta' ħsara serja.

Dwar il-prova tal-ħsara ghar-reputazzjoni, il-Gatley jgħid hekk-

"*Proof that serious harm to reputation has actually occurred will obviously suffice but the claimant need only prove that such harm was likely. The harm need not manifest itself in financial terms, though it may do so: serious harm for the purposes of this provision may also be established by proof that the effect of the libel was to cause others to shun the claimant, or that the claimant was caused serious injury to feelings, distress, hurt and/or humiliation.*"[8]

---

[6] Collins, *supra*, 6.29, pg. 123. Ġie ritenut ukoll illi t-test li ghandu jigi applikat huwa dak li jistabbilixxi jekk l-imputazzjoni twassalx ghal *"a loss of standing in some respect … on the part of right-thinking members of society generally*".
[7] Gatley, *supra,* 8.16 p. 298.
[8] Gatley On Libel and Slander, Twelfth Ed. [2013] 2.6, pg. 41.

Dan ifisser illi mhux meħtieġ li l-attur iressaq prova li huwa attwalment ġarrab ħsara f'termini finanzjarji jew tanġibbli jew li r-reputazzjoni tiegħu ntlaqitx negattivament b'mod konkret bħala riżultat tal-allegat malafama.

Issa fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, l-imputazzjonijiet magħmula mill-konvenut fil-pubblikazzjoni mertu tal-azzjoni u li qegħdin jiġu impunjati speċifikatament mill-attur, huma espressi, diretti u inekwivoċi u ma jħallu l-ebda lok għal xi interpretazzjoni oħra. Il-konvenut għajjar lill-attur Olvin Mangion u lin-negozju bl-isem Pool & Spa, "*thief*", "*criminals*" u bħala "*lowest of the low*".

Hu ġeneralment aċċettat fil-ġurisprudenza tal-qrati Inglizi kif ukoll lokali, illi imputazzjoni li l-persuna aggravata kien jew seta' kien possibbilment involut sa ċertu grad, f'attivita` illeċita jew att kriminali jew, fi kliem Collins[9], imputazzjoni li minħabba f'xi kondotta partikolari, il-persuna aggravata huwa "*dishonest or a fraud, a hypocrite, dishonourable, immoral, or actuated by some improper motive, insolvent or unwilling to pay debts or incompetent or otherwise unfit for some role.*"[10], huma kkunsidrati bhala diffamatorji.

Għaldaqstant, l-imputazzjonijiet magħmula mill-konvenut fil-pubblikazzjoni in diżamina għandhom, indubbjament, il-propensita' li jikkaġunaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur sija fuq livell personali kif ukoll bħala persuna li tiġġestixxi n-negozju bl-isem Pool & Spa.

Ikkunsidrat;

Illi għandu jingħad li l-attur ma kien ċar xejn meta xehed dwar x'kienu t-termini tal-inkarigu li ngħatalu għall-ħabta tas-sena 2018 b'rabta mal-pompa tal-pixxina tan-nanniet tal-konvenut. Huwa xehed illi din il-pixxina kienet antika u malandata ħafna

---

[9] 6.10 p. 117.

[10] Fil-kaz celebri **Sim v. Stretch** - 1936, 2 All England Law Reports, 1237 (House of Lords, per Lord Atkin) - gie ritenut illi sabiex jigi stabbilit jekk l-istqarrija impunjata twassalx imputazzojni li hi diffamatorja, irid jigi affermat illi "*the words tend to lower the plaintiff in the estimation of right-thinking members of society generally*".

iżda kienu twettqu x-xogħolijiet kollha li ġew inkarigati jagħmlu, fosthom li jibdlu l-pompa tal-pixxina għax ma kienetx taħdem tajjeb; fl-istess nifs qal ukoll li din il-pompa "*ġibniha in working order*". L-attur imbagħad xehed li wara xi sena il-konvenut infurmah li l-pompa kienet waqfet taħdem u beda jallega wkoll li ġiet istallata pompa antika *second-hand* li kellha tnax jew ħmistax-il sena. Iżda rinfaċċjat bl-ilment u l-allegazzjonijiet tal-konvenut, l-attur fix-xhieda tiegħu baqa' ma fissirx xi struzzjonijiet kien ingħata oriġinarjament mill-klient, ċioe' jekk kellux iwaħħal pompa ġdida jew *second-hand* jew jekk kellux biss isewwi l-pompa antika biex din terġa' tiffunzjona: huwa pproduċa biss prova dokumentarja li turi li l-pompa li kienu istallaw l-addetti tiegħu kienet waħda li x'aktarx kienet manifatturata fl-2012. Għalhekk, baqa' ma ġiex stabbilit jekk il-pompa li ġiet istallata, għad illi ġiet immanifatturata sitt snin qabel, kienetx ġdida għaliex qatt ma ntużat qabel, jew jekk kienet pompa *second-hand*.

Għall-Qorti dan kollu ifisser li seta' kien ġustifikat il-konvenut jilmenta fil-pubblikazzjoni tiegħu, illi l-attur ma mexiex skont l-istruzzjonijiet li seta' ngħata u ma biddilx il-pompa oriġinali jew istalla pompa li ma kienetx ġdida. Tista' tkun ġustifikata wkoll għalhekk il-lanjanza tiegħu dwar ix-xorta tas-servizz prestat mill-attur taħt l-isem Pool & Spa u dwar il-*quantum* tal-ispejjeż li ntalab jitħallsu u li ġew effettivament imħallsin lill-attur. Minn din il-perspettiva, hija l-fehma tal-Qorti li kieku l-konvenut illimita l-pubblikazzjoni tiegħu għal kritika tas-servizz offrut mill-attur u n-negozju tiegħu bl-isem Pool & Spa biex din isservi ta' twissija lil konsumaturi oħrajn, seta' kien qed jaġixxi entro l-parametri tad-dritt tal-liberta' tal-espressjoni.

Madanakollu, l-imputazzjonijiet li għamel il-konvenut bl-iktar mod dirett u skjett li l-attur huwa ħalliel u kriminal u jmexxi n-negozji tiegħu a skapitu ta' persuni anzjani, evidentement saret mhux in linea ta' lment kif kellu kull jedd li jagħmel iżda **unikament bit-tir li jħammeġ ir-reputazzjoni tal-attur u jagħmel ħsara lin-negozju tiegħu. Dan hu ovvju mill-emfasi b'tipa grassa li saret fil-pubblikazzjoni impunjata, fuq l-isem tal-attur u tan-negozju tiegħu**. Dawn l-imputazzjonijiet

mhux biss jiskreditaw lill-attur fuq livell ta' kompetenza iżda għandhom l-effett naturali li joskuraw il-kredibbilita' tan-negozju tal-attur u jnaqqsu l-fiduċja tal-klienti attwali tan-negozju tiegħu kif ukoll ta' klienti prospettivi.

Ikkunsidrat;

Illi kif diġa' ngħad, il-konvenut naqas milli jressaq provi biex jissostanzja l-eċċezzjonijiet li huwa ressaq fir-Risposta li huwa ppreżenta biex jilqa' għal din l-azzjoni, minkejja li ngħata opportunita' li jagħmel dan.

Il-konvenut fir-raba' paragrafu tar-Risposta tiegħu qajjem id-difiża tal-kumment ġust filwaqt li fil-ħames eċċezzjoni, jikkontendi li l-kumment tiegħu sar dwar fatti li huma sostanzjalment veri.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi d-difiża tal-verita' ma tista' qatt tirnexxi jekk il-konvenut innifsu jsostni illi l-istqarrijiet li huwa għamel jikkostitwixxu kumment, *multo magis* kumment ġust. Dan għaliex kif inhuwa risaput, id-difiza tal-verita' tista' tiġi sollevata b'suċċess biss jekk l-istqarrija impunjata tikkostitwixxi stqarrija ta' fatt diversament minn opinjoni u l-Qorti ma għandhiex dubju illi f'dan il-każ, l-istqarrijiet tal-konvenut huma dikjarazzjonijiet bl-espressjoni tal-fehma tiegħu dwar il-mod kif l-attur mexa fil-konfront tan-nanniet tiegħu fin-negozju in diżamina.

Fir-rigward, jinsab ritenut illi:-

"*A statement might be either a statement of fact or an expression of opinion depending on the context. The form in which the statement appeared and the style adopeted by the publisher will often be decisive.*

...

*Some assertions of fact may be defended as expressions of opinion,* ***if they are in the nature of deductions of conclusions arrived at by the publisher from other facts which are sufficiently stated or indicated****, where it will be obvious to the reasonable*

*person that the publisher could not have had direct knowledge of the matter stated and must have been expressing a view or inference*"[11] [emfasi tal-Qorti]

Ġie ritenut ukoll:-

*"... a careful distinction needs to be made between facts and value judgments. The existence of facts can be demonstrated, whereas the truth of value judgments is not susceptible of proof (see De Haes and Gijsels, cited above, p. 235, § 42, and Harlanova v. Latvia (dec.), no. 57313/00, 3 April 2003).*

*99. Admittedly, where allegations are made about the conduct of a third party, it may sometimes be difficult, as in the instant case, to distinguish between assertions of fact and value judgments. Nevertheless, even a value judgment may be excessive if it has no factual basis to support it (see Jerusalem v. Austria, no. 26958/95, § 43, ECHR 2001-II)."*[12]

Kif rajna, fir-raba' eċċezzjoni, il-konvenut jeccepixxi li l-istqarrija pubblikata minnu jikkostitwixxi kumment ġust. Il-Qorti tosserva illi d-difiża ta' *fair comment* filwaqt li ma kienetx prospettata espressament fil-Kap. 248 iżda kienet rikonoxxuta u msawra mill-ġurisprudenza, ma tissemmiex lanqas fl-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579)[13]. Madanakollu, din id-difiża ġiet kodifikata statutorjament bin-nomenklatura "*opinjoni onesta*"[14] u tinsab regolata mill-istess kriterji li jsawru d-difiza magħrufa bħala *honest opinion* fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3 tad-Defamation Act (UK) 2013, kriterji li huma iktar wiesa' minn dawk li kienu ġew żviluppati mill-ġurisprudenza għas-suċċess tad-difiża tal-*fair comment.* Dan seħħ bil-għan evidenti li jkompli tiġi aġevolata l-liberta' tal-espressjoni u għalhekk hija l-fehma tal-Qorti li d-difiża tal-opinjoni onesta maħsuba fl-Artikolu 4(2) tal-Att ma għandhiex titqies bħallikieku hija xi kunċett innovattiv li jikkostitwixxi difiża sostantivament differenti

---

[11] Collins, 9.12 p. 192.
[12] **Cumpănă and Mazăre v. Romania**; App. 33348/96, deciz 17 ta' Dicembru 2004.
[13] Minn hawn 'il quddiem imsejjha "l-Att".
[14] Artikolu 4(2) tal-Kap. 579.

minn dik tal-kumment ġust għaliex effettivament tirrappreżenta fis-sostanza dik li qabel kienet tissejjaħ *fair comment.* Kemm hu hekk, dawn iz-zewġ difiżi entrambi jsibu riskontru biss f'każ li l-istqarrija allegatament diffamatorja tikkostitwixxi dikjarazzjoni ta' opinjoni u mhux stqarrija ta' fatt.

Collins jgħid hekk fir-rigward tad-difiża ta' "*honest opinion*":-

"*... the common law defence of fair comment has been abolished .... and* ***replaced with a statutory defence of honest opinion that is intended for the most part to reflect the common law****.*"[15] [emfasi tal-Qorti]

Għalhekk, il-ġustizzja tesiġi li l-eċċezzjoni tal-konvenut ta' "*fair comment"*, inkorporata fit-tielet paragrafu tar-Risposta tiegħu, titqies u tiġi trattata bħala eċċezzjoni ta' opinjoni onesta a tenur tal-Artikolu 4(2) tal-Att.

Madanakollu, kif ingħad, il-konvenut ma ressaq l-ebda provi biex jikkonvinċi lill-Qorti li persuna onesta setgħet kellha l-istess opinjoni li huwa esprima fil-pubblikazzjoni impunjata, ċioe' li l-attur huwa ħalliel, kriminal u jikkonduċi n-negozju tiegħu billi jisfrutta persuni anzjani. Huwa minnu illi, kif rajna, l-attur ma fissirx b'mod preċiż x'kien l-inkarigu lilu mogħti b'rabta mal-pixxina tan-nanniet tal-konvenut u allura l-Qorti ma tafx jekk l-istallazzjoni tal-pompa saritx skont il-ftehim, iżda l-oneru huwa fuq il-konvenut biex iressaq il-provi meħtieġa biex juri x'inhuma l-fatti li abbażi tagħhom persuna onesta setgħet kellha l-opinjoni li l-attur aġixxa b'mod kriminali fil-konfront tan-nanniet tiegħu u jħaddem valuri morali tant baxxi fit-tmexxija tan-negozju tiegħu li jisraq persuni anzjani – ħaġa li indubbjament il-konvenut ma rnexxilux jipprova bl-ebda qies tal-immaġinazzjoni.

Il-Qorti tqis li l-fatt li saru imputazzjonijiet diretti u speċifiċi fil-konfront tal-attur dwar dak li jirrappreżenta l-fehma tal-konvenut fir-rigward tal-attributi tal-istess attur u tan-negozju li huwa jmexxi bl-isem Pool & Spa - entrambi identifikati espressament

[15] On Defamation, *supra,* 9.03, p. 188.

fil-pubblikazzjoni impunjata - jimponi fuq il-konvenut l-obbligu li jissostanzja dawn l-imputazzjonijiet billi juri li għandhom bażi fattwali sufficjenti anke biex juri li huwa agixxa in *buona fede* meta ppubblika l-istqarrijiet impunjati speċifikatament, l-imputazzjoni li l-attur aġixxa b'mod kriminali u seraq lin-nanniet tiegħu għaliex huma persuni anzjani. Iżda l-konvenut baqa' ssodisfax dan l-oneru ta' prova.

Fi kwalunkwe każ, il-Qorti, wara li rat l-atti u semgħet ix-xhieda tal-attur, hi sodisfatta li l-imputazzjonijiet li saru mill-konvenut fil-konfront tal-attur, anke minħabba t-ton tal-pubblikazzjoni impunjata, ma sarux in buona fede u għall-kuntrarju, saru malizzjożament u bil-ħsieb evidenti li jħammġu r-reputazzjoni tal-attur, jiskreditawh u jimminaw il-fiduċja ġenerali fin-negozju tiegħu. Din il-konklużjoni hi msaħħa ulterjorment b'referenza għall-kontenut ta' messaġġ li l-konvenut bagħat lill-attur fbil-mezz ta' "Whatsapp" sussegwentement, fit-13 ta' Frar 2020[16], fejn fost tgħajjir b'kliem vulgari u dispreġġjattiv u b'animu evidenti ta' odju, fisser bla tlaqliq: "*I am going to make it my personal mission to completely put you out of business*."

**Il-Qorti tikkundanna din ix-xorta ta' pubblikazzjoni u temfasizza, kif diġa' għamlet f'diversi okkażjonijiet oħra, li l-jedd ghal-liberta` tal-espressjoni ma jista' qatt jigi interpretat bħallikieku jagħti protezzjoni lil min jippubblika kif ġieb u laħaq fuq pjattaforma tal-midja soċjali bħalma huwa Facebook, imputazzjonijiet li huma kapaci jew li effettivament iħassru r-reputazzjoni ta' individwu. Il-midja soċjali hija aċċessibbli minn firxa ħafna iktar wiesa' ta' qarrejja[17] milli huma l-mezzi tradizzjonali ta' pubblikazzjoni u għalhekk, il-ħsara li tista' tiġi rekata lir-reputazzjoni ta' persuna oħra tista' tkun irreparabbli. Il-korollarju ta' dan hu illi l-obbligu li dak li jkun jagħmel l-aċċertazzjonijiet u verifiki neċessarji biex iqis li dak li jkun qed jiġi ppubblikat jirrispekkja dak li huwa fattwalment korrett, talanqas in sostanza, u l-obbligu li l-pubblikatur iwieżen u jgħarbel il-kummenti tieghu qabel ma jippubblikahom**

[16] Dok. A, fol. 50.

[17] Jirriżulta illi kienu diversi l-persuni li qraw il-pubblikazzjoni tal-konvenut u kkummentaw dwarha – ara Dok. OM2, fol. 40 *et seq*.

**huwa iktar oneruż, anke minħabba l-fatt li l-pubblikazzjoni tista' tibqa' aċċessibbli indefinittivament.**

Ikkunsidrat;

Illi hemm diversi fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-fini tal-likwidazzjoni tad-danni skont l-Artikolu 11 tal-Att. Primarjament (i) il-gravita' tal-malafama, (ii) in-nuqqas assolut ta' diliġenza fil-pubblikazzjoni tal-imputazzjonijiet malafamanti; (iii) il-fatt illi kif diġa' ngħad, il-konvenut ħela xejn inqas minn seba' xhur wara li żvija lill-Qorti temmen li kien interessat jasal għal ftehim mal-attur għar-riżoluzzjoni bonarja tal-vertenza; (iv) il-fatt li l-imputazzjonijiet ġew pubblikati fuq pjattaforma tal-midja socjali li hi accessibbli fiha nnifisha minn numru konsiderevoli ta' persuni; (v) il-fatt li l-imputazzjonijiet saru in malafede u ma sar l-ebda tentattiv biex dawn jiġu sostanzjati b'xi provi; kif ukoll (vi) il-fatt li l-konvenut ma wera l-ebda disponibbilita` li joffri apoloġija lill-attur u l-fatt li ma ntweriex li dawn il-pubblikazzjonijiet tħassru.

Mill-perspettiva l-oħra ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li ma ġiex ippruvat illi effettivament l-imputazzjonijiet għamlu ħsara attwali lir-reputazzjoni tal-attur. Iżda l-Qorti sejra tqis ukoll il-fatt illi mix-xhieda tal-attur jirriżulta li huwa ilu jmexxi n-negozju Pool & Spa għal iktar minn erbgħin sena, fatt li jfisser, naturalment, li l-attur għandu reputazzjoni b'saħħitha f'dan il-qasam ta' xogħol u ma jirriżultax li ġew ippubblikati qabel allegazzjonijiet simili.

**Għal dawn il-motivi kollha, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha sollevati fir-Risposta tal-konvenut, safejn mhux kompatibbli ma' dak hawn deċiż, qiegħda tilqa' t-talbiet tal-attur OLVIN MANGION F'ISMU PROPRJU U KIF UKOLL EŻERĊENTI L-KUMMERĊ BL-ISEM 'POOL & SPA' billi tiddikjara li l-pubblikazzjoni impunjata hija libelluża fil-konfront tiegħu u billi tikkundanna lill-konvenut ANDREW TABONE iħallas lill-istess attur danni morali għall-malafama fis-somma ta' elfejn Euro (€2,000).**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**

**MAĠISTRAT.**